DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Frar 2010

dwar miżuri tranżitorji li jirrigwardaw l-applikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti strutturali tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill lil ċerti stabbilimenti għal-laħam, prodotti tas-sajd u prodotti mill-bajd u l-imħażen imkessħa fir-Rumanija.

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 795)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/89/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel [1], u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali [2], u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 jistabbilixxi regoli ġenerali għall-operaturi kummerċjali tal-ikel dwar l-iġjene tal-prodotti tal-ikel, meqjusa, fost l-oħrajn, il-proċeduri msejsa fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u l-punti kritiċi ta' kontroll.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistipula regoli speċifiċi dwar l-iġjene ta' ikel li ġej mill-annimali għall-operaturi kummerċjali tal-ikel u jissupplimenta r-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 852/2004. Ir-regoli stipulati f'dawn ir-Regolamenti jinkludu obbligi fuq l-operaturi kummerċjali tal-ikel li jirrigwardaw rekwiżiti strutturali għall-istabbilimenti għal-laħam, prodotti mill-bajd u prodotti tas-sajd u l-imħażen imkessħa.

(3) L-Artikolu 23 tal-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija u l-Anness VII tiegħu jistipula ċerti miżuri tranżitorji dwar il-leġiżlazzjoni veterinarja tal-Unjoni. Dawn il-miżuri jistipulaw li ċerti rekwiżiti strutturali stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 m'għandhomx japplikaw għall-istabbilimenti fir-Rumanija li tagħhom hemm lista fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness sal-31 ta' Diċembru 2009, taħt ċerti kundizzjonijiet

(4) Mid-data ta' adeżjoni tar-Rumanija, l-għadd ta' stabbilimenti għal-laħam, prodotti tas-sajd u prodotti mill-bajd u l-imħażen imkessħa b'konformità mar-rekwiżiti strutturali rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004 żdied għal 80 % tal-istabbilimenti kkonċernati f'dan l-Istat Membru. Iżda, ċerti stabbilimenti għadhom għaddejjin mit-titjib strutturali meħtieġ biex ikunu b'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti. Dawn l-istabbilimenti jinsabu mxerrda mat-territorju kollu tar-Rumanija.

(5) Fid-dawl tat-titjib strutturali li għaddej bħalissa, jeħtieġ li jiġu stipulati miżuri tranżitorji b'deroga mir-rekwiżiti strutturali rilevanti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004.

(6) Il-listi ta' stabbilimenti li mhumiex b'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti strutturali jinsabu fl-Anness I sal-Anness IV ta' din id-Deċiżjoni. Il-listi jinkludu stabbilimenti għal-laħam li bħalissa huma koperti bl-Anness VII tal-Att ta' Adeżjoni, kif ukoll stabbilimenti għall-prodotti tas-sajd u prodotti mill-bajd li mhumiex koperti b'dan l-Anness.

(7) It-tqegħid fis-suq ta' prodotti li ġejjin minn dawn l-istabbilimenti li mhumiex konformi jew li huma maħżuna f'imħażen imkessħa mhux konformi għandu jiġi ristrett għar-Rumanija jew il-prodotti għandhom jintużaw għal aktar ipproċessar fi stabbilimenti koperti mill-miżuri tranżitorji stipulati f'din id-Deċiżjoni biex l-industrija fir-Rumanija tingħata biżżejjed żmien biex tadatta skont ir-rekwiżiti strutturali rilevanti.

[1] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.
[2] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

(8) Il-miżuri tranżitorji rilevanti stipulati fl-Att ta' Adeżjoni jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2009. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità ta' dawn il-miżuri tranżitorji din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2010. Il-perjodu tranżitorju mogħti b'din id-Deċiżjoni għandu jkun limitat għal perjodu ta' sena mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010 u sa din id-data huwa mistenni li l-istabbilimenti kkonċernati se jkunu f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti strutturali rilevanti. Il-qagħda fir-Rumanija għandha tiġi riveduta qabel tmiem dan il-perjodu. Għal-hekk, ir-Rumanija għandha tibgħat rapport lill-Kummissjoni dwar il-progress fl-aġġornar tal-istabbilimenti kkonċernati u l-imħażen imkessħa f'dan l-Istat Membru.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni tistipula miżuri tranżitorji dwar l-applikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti strutturali stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 lil stabbilimenti għal-laħam, prodotti mill-bajd u prodotti tas-sajd u mħażen imkessħa fir-Rumanija elenkati fl-Annessi I sa IV ta' din id-Deċiżjoni ("l-istabbilimenti").

Artikolu 2

Ir-rekwiżiti ġenerali stabbiliti fil-Kapitoli I u II tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 m'għandhomx japplikaw għall-istabbilimenti sal-31 ta' Diċembru 2010.

Artikolu 3

Ir-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 m'għandhomx japplikaw għall-istabbilimenti li ġejjin sal-31 ta' Diċembru 2010:

(a) ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III tat-Taqsima I, Kapitoli II u III tat-Taqsima II u l-Kapitolu I tat-Taqsima V ta' dan l-Anness fir-rigward tal-istabbilimenti tal-laħam elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

(b) ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu III tat-Taqsima VIII ta' dan l-Anness fir-rigward tal-istabbilimenti tal-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni;

(ċ) ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu II tat-Taqsima X ta' dan l-Anness fir-rigward tal-istabbilimenti tal-prodotti mill-bajd elenkati fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

1. Il-prodotti mill-istabbilimenti elenkati fl-Annessi I, II jew III jew maħżuna fl-istabbilimenti elenkati fl-Anness IV għandhom:

(a) jitqiegħdu fis-suq domestiku fir-Rumanija biss; jew

(b) jintużaw biss għal iktar ipproċessar fl-istabbilimenti.

2. Il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom marka dwar is-saħħa jew ta' identità li trid tkun differenti mill-marka dwar is-saħħa jew ta' identità stipulata fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Artikolu 5

1. Ir-Rumanija għandha tibgħat rapport lill-Kummissjoni dwar il-progress magħmul mill-istabbilimenti biex jiġu f'konformità mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 2 u 3, inkluża skeda ta' żmien għall-konformità sħiħa ma dawn ir-rekwiżiti.

2. Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2010.

Ir-rapport għandu jintbagħat skont il-forma tal-mudell stabbilita fl-Anness V.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Frar 2010.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

LISTA TA' STABBILIMENTI TAL-LAĦAM

Nru	Nru veterinarju	Isem l-istabbilimenti	Belt/Triq jew Villaġġ/Reġjun	Attivitajiet			
				B	IT	IP	I/PL
1	AB 927	SC LIDER PROD CARN SRL	Alba Iulia, jud. Alba, 510340			X	
2	AB 2771	SC MONTANA POPA SRL	Blaj, Str. Gh. Barițiu, jud. Alba, 515400	X	X	X	X
3	AB 3263	SC TRANSEURO SRL	Ighiu, Str. Principală nr. 205 A, jud. Alba, 517360	X	X	X	X
4	AG 008 IC	SC CARMEN SRL	Bascov, jud. Argeș, 117045	X	X	X	X
5	AG 024 IC	SC RADOR A&E SRL	Bascov, Str. Serelor nr. 48, jud. Arges, 117045	X	X	X	X
6	AR 4930	SC FILIP D IMPEX SRL	Arad, Str. Lăcrimioarelor, nr. 4/A, jud. Arad, 310445		X	X	
7	AR 5806	SC COMB AGROIND CURTICI SRL	Curtici, Str. Revoluției nr. 33, jud. Arad, 315200	X	X	X	X
8	B 40632	SC MEDEUS & CO SRL	București, Str. Parcului nr. 20, sector 1, București, 012329			X	X
9	BC 4165	SC TIBERIAS SRL	Răcăciuni, jud. Bacău, 607480			X	
10	BC 5196	SC MIRALEX SRL	Loc. Bacău, Str. Bicaz, nr. 8, jud. Bacău, cod 600293			X	
11	BH 223	SC FLORIAN IMPEX SRL	Oradea, Str. Morii nr. 11/B, jud. Bihor, 410577			X	
12	BH 3001	SC GLOBAL AGRO PRODEXIM SRL	Sârbi nr. 469, jud. Bihor, 417520		X	X	
13	BH 5185	SC CARMANGERIE TAVI BOGDAN SRL	Localitatea Mihai Bravu nr. 169, jud. Bihor, 417237	X			
14	BH 5341	SC ABATOR DARA SRL	Tulca 668 A, jud. Bihor, 417600	X			
15	BR 62	SC DORALIMENT SRL	Brăila, jud. Brăila, 810650		X	X	X
16	BR 574	SC ELECTIV SRL	Comuna Romanu, jud. Brăila, 817115	X			
17	BR 774	SC TAZZ TRADE SRL (SC ROFISH GROUP)	Brăila, Str. Faleza Portului, nr. 2, jud. Brăila, 810529			X	
18	BT 125	SC IMPEX DONA SRL	Băisa, jud. Botoșani, 717246			X	
19	BT 138	SC SAGROD SRL	Darabani, Str. Muncitorului, jud. Botoșani, 715100	X		X	
20	BT 140	SC RAFFAELLO SRL	Tîngeni, jud. Botoșani, 717120			X	
21	BT 144	SC AGROCARN COMPANY SRL	Botoșani, Str. Pod de Piatră nr. 89, jud. Botoșani, 710350			X	
22	BT 198	SC EMANUEL COM SRL	Răchiți, jud. Botoșani, 717310	X	X	X	
23	BZ 101	SC FRASINU SA	Buzău, Sos Sloboziei km 2, jud. Buzău 120360	X			
24	BZ 115	SC FERM COM PROD SRL	Căldărăști, jud. Buzău, 125201	X			
25	BZ 110	SC CARMOZIMBRUL SRL	Râmnicu Sărat, Str. Lt. Sava Rosescu nr. 140, jud. Buzău, 125300	X			
26	BZ 112	SC TRI PROD COM SRL	Comuna Berca, Sat Valea Nucului, jud. Buzău, 127048		X	X	X
27	CJ 108	SC TURISM VÂLCELE SRL	Vâlcele FN, jud. Cluj, 407274	X			
28	CJ 122	SC RIANA SERV PRODCOM SRL	Iclod FN, jud. Cluj, 407335	X	X		
29	CJ 5519	SC 2 T PROD SRL	Cluj-Napoca, Str. Taberei nr. 3A, jud. Cluj, 400512		X	X	X
30	CL 1598	SC COMARO SRL	Oltenița, Str. Cuza Vodă, nr. 131, jud. Călărași 915400		X	X	X

Nru	Nru veterinarju	Isem l-istabbilimenti	Belt/Triq jew Villaġġ/Reġjun	Attivitajiet			
				B	IT	IP	I/PL
31	CS 40	SC PALALOGA CARNEPREP SRL	Bocșa, Str. Binișului nr. 1, jud. Caraș 325300	X	X		
32	CS 47	SC GOSPODARUL SRL	Reșița, Str. Țerovei, F.N., jud. Caraș 320044	X	X	X	X
33	CT 19	SC CARNOB SRL	Lumina, Str. Lebedelor nr. 1A, jud. Constanța, 907175	X			
34	DB 3341	SC NIN BOG SRL	Șotânga, jud. Dâmbovița, 137430	X		X	
35	DB 3457	SC NEVAL SRL	Pietroșița, jud. Dâmbovița, 137360	X			
36	GJ 5	SC LEXI STAR SRL	Sat Bucureasa, Comuna Dănești, jud. Gorj, 217200	X	X	X	X
37	GJ 2234	SC ATOS GARANT SRL	Sat Urechești Comuna Drăguțești, jud. Gorj, 217225	X			
38	GL 0369	SC LIVADA SERBANEȘTI	Comuna Liești, jud. Galați, 805235	X			
39	GL 3330	SC KAROMTEC SRL	Tecuci, Str. Mihail Kogălniceanu nr. 48 jud. Galați, 805300			X	X
40	GL 4121	SC ROMNEF SRL	Munteni, jud. Galați, 807200	X			
41	HR 73	SC ELAN TRIDENT SRL	Odorheiu Secuiesc, Str. Rákóczi Ferenc nr. 90, jud. Harghita, 535600			X	
42	HR 84	SC AMIRAL SRL	Miercurea Ciuc, jud. Harghita, 530320			X	
43	HR 153	SC ARTEIMPEX SRL	Gheorgheni, Str. Kossuth Lajos nr. 211, jud. Harghita, 535500	X			
44	HR 207	SC DECEAN SRL	Miercurea Ciuc, jud. Harghita, 530320		X	X	X
45	HR 263	SC AVICOOPEX SRL	Cristuru Secuiesc, Str. Orban Balays, jud. Harghita, 535400			X	
46	MM 1609	SC LABORATOR CARMANGERIE SRL	Baia Mare, Str. Gh. Șincai nr. 14, jud. Maramures, 430311		X	X	X
47	MM 4406	SC CARMANGERIA DALIA SRL	Baia Mare, jud. Maramureș, 430530	X	X	X	X
48	MS 3585	SC CAZADELA SRL	Reghin, Str. Oltului nr. 34, jud. Mureș, 545300	X			
49	NT 33	SC CORD COMPANY SRL	Roman, Str. Bogdan Dragoș nr. 111, jud. Neamț, 611160	X			
50	NT 549	SC TCE 3 BRAZI SRL	Zănești, jud. Neamț, 617515	X	X	X	X
51	OT 24	SC SPAR SRL	Potcoava, Str. Gării nr. 10, jud. Olt, 237355	X	X	X	X
52	OT 2093	SC COMAGRIMEX SA	Slatina, str. Grigore Alexandrescu, nr. 19, jud. Olt, 230049		X	X	X
53	OT 2094	SC MALITEXT SRL	Scornicești, Str. Tudor Vladimirescu, jud. Olt, 235600	X			
54	PH 3618	SC BRUTUS IMPEX SRL	Manești, jud. Prahova, cod 107375	X			
55	PH 4417	SC GOPA SRL	Ploiești, Str. Gheorghe Doja nr. 124, jud. Prahova, 100141			X	X
56	PH 5644	SC MARAGET PROD SRL	Ploiești, Str. Corlătești nr. 15, jud. Prahova, 100532	X			
57	PH 5878	SC COMNILIS PROD SRL	Măgureni, Str. Filipeștii de Pădure, tarla 24, jud. Prahova, 107350			X	X
58	PH 6044	SC ALGRIM CENTER SRL	Bărcănești, jud. Prahova, 107055	X			
59	PH 6190	SC BANIPOR SRL	Târg Vechi, jud. Prahova, 107590	X			
60	SB 111	SC M&C IMPORT SRL EXPORT	Copșa Mică, Sat Tîrnăvioara nr. 90, jud. Sibiu, 555400		X	X	X
61	SB 126	SC CAPA PROD SRL	Sibiu, Calea Turnișorului nr. 150, jud. Sibiu, 550048		X	X	X
62	SB 138	SC MUVI IMPEX SRL	Sibiu, Str. Drumul Ocnei nr. 4, jud. Sibiu, 550092	X	X	X	X

Nru	Nru veterinarju	Isem l-istabbilimenti	Belt/Triq jew Villaġġ/Reġjun	Attivitajiet			
				B	IT	IP	I/PL
63	SV 039	SC TONIC DISTRIBUTION SRL	Broșteni, jud. Suceava, 727075		X	X	X
64	SV 139	SC APOLO SRL (SC ADRAS SRL)	Rădăuți, Str. Constanitn Brâncoveanu, jud. Suceava, 725400		X	X	X
65	SV 217	SC ROGELYA SRL	Fălticeni, Str. Ion Creangă nr. 69, jud. Suceava, 725200		X	X	X
66	SV 5661	SC HARALD PROD SRL	Măzănăiești, jud. Suceava, 727219	X	X	X	X
67	SV 5819	SC MARA ALEX SRL	Bădeuți, jud. Suceava, 727361	X			
68	SV5943	SC SCUZA PROD	Forăști 96, jud. Suceava, 727235		X	X	X
69	SV 5963	SC DANILEVICI SRL	Gura Humorului, Str. Fundătura Ghiocei nr. 2, jud. Suceava, 725300	X	X	X	X
70	SV 6071	SC ANCAROL SRL	Gura Humorului, Bd. Bucovina FN, jud. Suceava, 72530	X	X	X	X
71	TL 019	SC TABCO CAMPOFRIO SA	Tulcea, Str. Prislav nr. 177, jud. Tulcea, 820013	X	X	X	X
72	TL 177	SC GAZDI PROD SRL	Stejaru, jud. Tulcea, 827215	X	X		
73	TL 418	SC STOLI SRL	Cerna, jud. Tulcea, 827045	X			
74	TL 686	SC PIG COM SRL	Satu Nou, jud. Tulcea, 827141	X			
75	TL 782	SC PROD IMPORT CDC SRL	Frecăței, jud. Tulcea, 827075	X	X		
76	TM 378	SC VEROMEN SRL	Timișoara, jud. Timiș, 300970		X	X	X
77	TM 2725	SC RECOSEMTRACT SRL	Recaș, Calea Bazoșului nr. 1, jud. Timiș, 307340		X	X	X
78	TM 4187	SC FEMADAR SRL	Giroc, Str. Gloria nr. 4, jud. Timiș, 307220		X	X	X
79	TM 4297	SC KENDO SRL	Victor Vlad Delamarina, jud. Timiș, 307460	X	X	X	X
80	TM 7438	SC AMBAX SRL	Timișoara, Calea Buziașului nr. 14, jud. Timiș, 300693		X	X	X
81	TR 10	SC ROMCIP SA	Salcia, jud. Teleorman, 147300	X	X	X	X
82	TR 26	SC COM GIORGI IMPEX SRL	Alexandria, jud. Teleorman, 140150		X	X	
83	TR 36	SC AVICOLA COSTESTI SRL	Roșiori de Vede, Str. Vadu Vezii nr. 1, jud. Teleorman, 145100	X			
84	TR 93	SC MARA PROD COM SRL	Alexandria, Str. Abatorului nr. 1 bis, jud. Teleorman, 140106		X	X	X
85	VN 42	SC STEMARADI SRL	Tătăranu, jud. Vrancea, 627350	X			
86	VN 2694	SC COMIND THOMAS SRL	Focșani, Str. Sihleanu nr. 5, jud. Vrancea, 620165	X	X		
87	VN 3045	SC VANICAD SRL	Milcov, jud. Vrancea, 627205	X			
88	VN 2954/116	SC AURORA COM SRL	Odobești, Str. Libertății nr. 38, jud. Vrancea, 625300	X	X	X	X
89	VS 2243	SC CIB SA	Bârlad, Fundătura Elena Doamna nr. 2, jud. Vaslui, 731018	X	X	X	X
90	VS 2268	SC VIOROM „P" IMPEX SRL	Comuna Oltenesti, Localitatea Tărzii, jud. Vaslui, 737380	X	X		
91	VS 2300	SC CARACUL SRL	Vaslui, jud. Vaslui, 730233	X	X		
92	AR 92	SC AGRIPROD SRL	Nădlac, Str. Calea Aradului nr. 1, jud. Arad, 315500	X	X		
93	AR 294	SC PRODAGRO CETATE SRL	Șiria, Complex zootehnic, jud. Arad	X	X		
94	B 120	SC ROM-SELECT 2000 SRL	București, B-dul Iuliu Maniu nr. 220, sector 6		X		
95	B 269	SC FOODICOM SRL	București, Str. Cătinei nr. 25, sector 6		X		

Nru	Nru veterinarju	Isem l-istabbilimenti	Belt/Triq jew Villaġġ/Reġjun	Attivitajiet			
				B	IT	IP	I/PL
96	B 921	SC ROMALIM INTERNATIONAL SRL	Bucureşti, B-dul Timişoara 104 B, sector 6		X		
97	BH 103	SC AVICOLA SALONTA SA (SC FLAVOIA SRL) (*)	Salonta, Str. Ghestului nr. 7, jud. Bihor, 415500	X	X		
98	BV 12	SC DRAKOM SILVA SRL	Codlea extravilan, Şoseaua Codlea Dumbrăviţa, jud. Braşov	X	X		
99	CJ 109	SC ONCOS IMPEX SRL	Floreşti, Str. Abatorului nr. 2, jud. Cluj, 407280	X	X		
100	CV 210	SC ABO-FARM SA (SC NUTRICOD SA) (**)	Sf. Gheorghe, Str. Pârâului nr. 6, jud. Covasna, 520033	X	X		
101	DJ 34	SC FELVIO SRL	Bucovăţ, Platforma Bucovăţ, jud. Dolj	X	X		
102	IS 1376	SC AVÍCOLA SA IASI	Târgu Frumos, Str. Ştefan cel Mare şi Sfânt nr. 44, jud. Iasi, 705300	X	X		
103	TM 2739	SC AVIBLAN SRL	Jebel, jud. Timiş, 307235	X	X		

(*) SC. AVICOLA SALONTA SA nbidel ismu u sar SC FLAVOIA SRL
(**) SC. NUTRICOD SA nbidel ismu u sar SC ABO- FARM SA

Tfissira:

B = Biċċeriji
IT = Impjanti ta' Tqattigħ
IP = Impjanti ta' Pproċessar
I/PL = Ikkapuljat/Preparazzjonijiet tal-Laħam

ANNESS II

LISTA TA' STABBILIMENTI GĦALL-PRODOTTI TAS-SAJD

Nru	Nru veterinarju	Isem l-istabbilimenti	Belt/Triq jew Villaġġ/Reġjun	Attivitajiet	
				IP	IPĦF
1	BR 184	SC TAZZ TRADE SRL (SC ROFISH GROUP SRL) (*)	Brăila, str. Fata Portului nr. 2, judeţul Brăila, 810529	X	
2	BR 185	SC TAZZ TRADE SRL (SC ROFISH GROUP SRL) (*)	Brăila, str. Fata Portului nr. 2, judeţul Brăila, 810529	X	
3	B 453	SC COSTIANA SRL	Bucureşti, str. Andronache nr. 11-19, 022527	X	
4	PH 1817	SC DIVERTAS SRL	Comuna Fântânele nr. 578, judeţul Prahova, 107240	X	X

(*) SC. TAZZ TRADE SRL inbidel ismu u sar SC ROFISH GROUP SRL

Tfissira:

IP = Impjant ta' Pproċessar
IPĦF = Impjant ta' Pproċessar ta' Ħut Frisk

ANNESS III

LISTA TA' STABBILIMENTI GĦALL-PRODOTTI MILL-BAJD

Nru	Nru veterinarju	Isem l-istabbilimenti	Belt/Triq jew Villaġġ/Reġjun	Attivitajiet		
				IPB	ĊPB	PLB
1	B 39833	SC COMPRODCOOP SA BUCURESTI (EPP)	Bucureşti, bd. Timişoara nr. 52, sector 6, 061333	X		
2	CV 471	SC ABO-FARM SA (EPC) (SC NUTRICOD SA) (*)	Sf. Gheorghe, str. Jokai Mor f.n., judeţul Covasna, 520033		X	X
3	DB 133	SC AVICOLA GAESTI SA (EPC)	Găeşti, judeţul Dâmboviţa, 135200		X	
4	GR 3028	AVICOLA BUCURESTI SA CSHD MIHAILEŞTI (EPC)	Mihăileşti, judeţul Giurgiu, 085200		X	X
5	VN 16	SC AVIPUTNA SA GOLESTI (EPC)	Comuna Goleşti, Str. Victoriei nr. 22, judeţul Vrancea, 627150		X	

(*) SC. NUTRICOD SA nbidel ismu u sar SC ABO- FARM SA

Tfissira:

IPB = Impjant ta' Pproċessar tal-Bajd
ĊPB = Ċentru ta' Ppakkjar tal-Bajd
PLB = Prodott Likwidu mill-Bajd

ANNESS IV

LISTA TA' MĦAŻEN IMKESSĦA

Nru.	Nru veterinarju	Isem l-istabbilimenti	Belt/Triq jew Villaġġ/Reġjun	Attivitajiet
				II
1	AR 514	SC AGRIROM SRL	Vladimirescu, str. Archim f.n., judeţul Arad, 310010	X
2	BC 1034	SC AGRICOLA INT. SRL	Bacău, Calea Moldovei nr. 16, judeţul Bacău, 600352	X
3	CT 8070	SC MIRICOS SRL	Constanţa, Şoseaua Interioară nr. 1, judeţul Constanţa, 900229	X
4	CT 146	SC FRIAL SA	Constanţa, Port Constanţa, dana 53, judeţul Constanţa, 900900	X
5	DJ 59	SC FRIGORIFER SA	Craiova, Str. Câmpului nr. 2, Craiova, judeţul Dolj, 200011	X

Tfissira:

II = Imħażen Imkessħa

ANNESS V

FORMA TAR-RAPPORT KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 5

Numru tal-istabbiliment	Isem	Indirizz	Reġjun	Il-progress li sar (deskrizzjoni qasira)	Stima tal-livell ta' konformità (f'%)	Data ppjanata għal konformità sħiħa

Reġjun	Nru Totali ta' stabbilimenti (maqsuma skont il-kategorija)	Nru ta' stabbilimenti mhux konformi (maqsuma skont il-kategorija)	% ta' stabbilimenti mhux konformi mit-total (maqsuma skont il-kategorija)	Nru Totali ta' stabbilimenti (maqsuma skont il-kategorija)	Nru ta' stabbilimenti mhux konformi (maqsuma skont il-kategorija)	% ta' stabbilimenti mhux konformi mit-total (maqsuma skont il-kategorija)	Nru Totali ta' stabbilimenti (maqsuma skont il-kategorija)	Nru ta' stabbilimenti mhux konformi (maqsuma skont il-kategorija)	% ta' stabbilimenti mhux konformi mit-total (maqsuma skont il-kategorija)
Taqsira RO									